Għajnsielem

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**
**IS-SEBA` KUNSILL**
**SEDUTA NRU. 3 – IL-ĦAMIS 10 TA' MEJJU 2012**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fis-5.00 pm.

| Preżenti: | | |
|---|---|---|
| | Francis Cauchi | Sindku |
| | Is-Sur Franco Ciangura | Viċi Sindku |
| | Stephen Mercieca | Kunsillier |
| | Larry Buttigieg | Kunsillier |
| | Peter Caruana | Kunsillier |
| | Amanda Cauchi | Segretarju Eżekuttiv |

**1. Introduzzjoni mis-Sindku**

Is-Sindku ta bidu għal-laqgħa.

**2. Korrezzjoni u approvazzjoni tal-Minuti**

Wara konsiderazzjoni tal-minuti, dawn ġew approvati kif preżentati u għalhekk iffirmati mis-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku.

**3. Korrispondenza u Komunikazzjoni mis-Sindku**

- Film fil-forti Chambray – il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni li jinħareg il-permess ta' parkiġjar tat-*trailers*, etc fit-Triq Chambray.
- Laqgħa bejn is-Sindki u l-Assistent Kummissarju fl-Għassa tar-Rabat – is-suġġett kien iż-żagħżagħ, sewqan u drogi fejn min naħħa tal-pulizija talbu l-għajnuna tal-Kunsilli biex jiġu organizzati laqgħat ta' tagħlim maż-żagħżagħ fejn dawn il-laqgħat jiġu mmexxija mil-Korp tal-Pulizija. Il-Kunsill qabel li dawn il-laqgħat għandhom isiru u ġie deċiż li jintbagħat avviż f'kull residenza f'Għajnsielem.
- Is-Sindki Għawdxin attendew laqgħa l-Ministeru għal-Għawdex, fejn kien hemm preżenti l-Ministru Giovanna Debono u xi rapresentanti mill-Awstrija. Id-diskussjoni kienet fuq il-possibita li jsiru xi *wind farms* f'Għawdex.
- Laqgħa mac-CEO tal-MEPA, is-Sur Ian Stafrace rigward il-permess tal-Kunsill l-antik. Ic-CEO stqarr li ma jista jsir xejn għajr permess ġdid, fejn turi l-bidla tal-użu tal-post.
- Laqgħa mas-Sur Charles Farrugia mill-Foundation for Tomorrow School rigward l-ixkaffar tal-Librerija l-ġdida. Huwa wiegħed lis-Sindku li ser tinħareġ tender għal-dan ix-xogħol mill-FTS.
- Mil-1 ta' Mejju bdiet l-iskrivana l-ġdida mal-Kunsill
- *Prize day* fl-iskola Primarja t'Ghajnsielem – attendew ghal din is-serata s-Sindku u Peter Caruana.

- Is-Sindku qal li Frankie Saliba beda jaħdem mal-Kunsill fuq l-iskema ta' xogħol fil-Kommunita`. Ġie deċiż li dan ser jagħmel xogħol fil-Kunsill u fiz-zona ta' madwar kif ukoll idur mat-toroq tar-raħal u jirraporta ħsarat, tindif u qtugħ ta' ħaxix.
- Laqgħa rigward proċeduri tal-finanzji tal-Kunsilli Lokali u proġetti mill-Ewropa fl-NGO Centre x-Xewkija. Għal-din il-laqgħa attenda wkoll l-Onor. Chris Said.
- Korrispondenza mill-KNPD rigward il-Belvedere ta' Hamri street – is-SE spjegat li l-KNPD bagħtet tistaqsi fuq l-aċċessibilta' tar-rampa tal-belvedere. Wara li ntbagħat ritratt ta' kif inhu l-belvedere preżentament, huwa talab il-Kunsill biex jirranġa l-bankina fit-truf tal-bidu tar-rampa. Il-Kunsill kollu qabel li din m'għandha xejn x'taqsam mal-iżvilupp tal-Grand Hotel u qabel li jirranġa din il-bankina. Peter Caruana kompla jgħid li hemm bżonn li t-taraġ isir aktar aċċessibli peress li t-tarġa hija għolja ħafna, jinbidlu l-bankijiet, flimkien mal-fanali fejn dawn kienu diġa ġew approvati fil-laqgħa preċedenti. Il-Kunsill qabel ma dan.
- Kors fuq sage għal-Kunsilli Lokali – is-Segretarju Eżekuttiv uriet ix-xewqa li kemm hi u kemm l-iskrivana l-ġdida taddendi għal dan il-kors li jqum €95 il-persuna. Il-Kunsill approva din in-nefqa.
- Ittra mill-iskola ta' l-Arti f'Għajnsielem – ser issir esebizzjoni f'Tolfa mtella' minn Paul Stellini, insenjat fl-arti fejn ikun hemm pitturi b'veduti tar-raħal ta' Għajnsielem. L-iskola qed titlob l-assistenza għal-4 persuni f'akkomodazzjoni f'Tolfa. Il-Kunsill approva li tingħata din l-assistenza.
- Sessjonijiet tas-soft ball – il-Kunsill qabel li jergghu jsiru 12 –il sessjoni oħra. Talab lis-Segretarju Eżekuttiv tiċċekja jekk hemmx xi kera irħas għal-grownd.
- Skema Sports 2012 – din ser tinħadem bil-kollaborazzjoni man-*nursery*. Fl-ittra li tintbgħat lir-residenti biex tinforma b'din l-iskema għanda tkun f'isem il-Kunsill, fejn jissemmew il-flus li ngħatajna mill-K.M.S. u kemm ser joħrog il-Kunsill mill-fondi tiegħu. L-applikazzjonijiet għandhom jintbaghtu fl-Uffiċċju tal-Kunsill.
- Avvizi fuq il-gazzetta – is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li din il-gimgħa ser jidhru l-avviżi ta' provista ta' eco-truck, *cleaning services* għaċ-Ċentru Ċiviku u provista' ta' fanali għal-Belvedere. Dawn l-offerti jagħlu fis-6 ta' Gunju, Ser jeħel avviż fuq in-noticeboard fil-pjazza.

## 4. Proġett ta' Passi

Is-Sindku qal li r-rizultati tal-programm Leader – Measure 313 ħargu l-gimgħa li għaddiet, fejn l-applikazzjoni tal-Kunsill ġiet fir-riserva minħabba n-nuqqas ta' permess tal-Mepa. Mill-Gozo Action Group ġie spjegat illi fadal madwar €137,000 li ma ġewx allokati, fejn dawn jingħataw lil min iġib l-permessi kollha l-ewwel.

Is-Sindku spejga li rċivejna kont ieħor tal-Mepa fuq din l-applikazzjoni, peress li ġie miżjud l-bini fejn hemm id-*Development Zone* wara l-Każin tal-Banda. Kompla jgħid li dan il-kont tħallas biex il-permess jinħareg kemm jista jkun malajr. Il-Kunsill irċieva ittra oħra mil-MEPA fejn talbu rapport għal-*traffic flow* mit-Triq Mġarr għal-dan il-proġett, fejn din l-ittra għaddiet għand il-perit biex iħejji r-risposta lis-sur Lucienn Stafrace ta' Transport Malta.

Is-Sindku ta rendikont tal-ispejjeż li saru tul dawn l-erba' snin ta' Bethlehem f'Għajnsielem.
2008 – nefqa ta' €19,678.38 – dħul mid-DLG - €4,500
2009 – nefqa ta' €18,669.59 – dħul mid-DLG – €7,500
2010 – nefqa ta' €28,519.58 – dħul mid-DLG – €9,500

2011 – nefqa ta' €15,791.93 – dħul mid-DLG – €10,000

Total ta' infiq – €82,659.43
Dħul mid-D.L.G. – €31,500.00
Nefqa mill-fondi diretti tal-Kunsill – €51,159.43c

**5. Tolfa**

Talba minn Tolfa għal-possibilta' ta' *exchange* ta' 30 persuna bejn Għajnsielem u Tolfa f'Awwissu. Is-Sindku spjega kif min naħħa ta' Tolfa m'applikawx għal-fondi mill-Ewropa taħt il-programm *Europe for Citizens* biex jingħataw il-fondi għal din l-exchange kif kien miftiehem. Is-S.E. spjegat li jekk il-Kunsill iħallas l-akkomodazzjoni ta' dawn t-30 persuna minn Tolfa, l-ispiża tqum ħafna aktar milli dak allokat għal-twinnings, fejn din l-ispiża ma' tkunx approvata mill-awditur. Kien għalhekk deċiż, li l-Kunsill ma jistax jaċċetta din t-talba.

**6. Kemmuna**

Larry Buttiġieġ staqsa min jieħu ħsieb it-toroq f'Kemmuna. Is-Sindku qal li dawn huma responsabilta' tal-Ministeru għal-Ghawdex u kull sena jiġu rranġati qabel is-sajf. Larry kompla jgħid li fejn in-niċċa tal-Madonna fejn il-blue lagoon hemm taraġ perikuluż ħafna, fejn hemm il-vireg ħerġin minnu. Talab lis-Segretarju Eżekuttiv tinforma lil-MGOZ.

**7. Attivita mill-Kulleġġ ta' Stella Maris f'Kemmuna**

Larry Buttigieg attenda waħda mill-attivita li tellgħa dan il-kulleġġ f'Kemmuna. Huwa spjega il-programm li tellgħa dan il-Kulleġġ f'nofs ta' nhar ta' tagħlim fejn fl-aħħar issuġġerixxa li l-Kunsill jorganizza xi tip t'attivita hekk fl-iskola Primarja. Il-Kunsill qabel unanimament ma dan is-suġġerriment, fejn din l-attivita tittellgħa għal-ħabta t'Ottubru.

**8. Xatt l-Aħmar**

Larry Buttigieg tkellem mas-Sur Manuel Tabone, Direttur tat-Turiżmu fil-MGOZ fejn jidher li mhux possibli li titnaddaf il-bajja bil-barkun din is-sena. Larry issuġġerixxa li ssir attivita mal-club bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill fejn it-tfal tan-nursery inaddfu l-alka mill-bajja tax-Xatt l-Aħmar, minflok jitqabbad kuntrattur privat. Jitħalsu l-ispejjeż għal-dan ix-xogħol. Il-preżenti qablu li tiġi vvutata s-somma ta' €500 biex titnaddaf din il-bajja.

Is-Sindku qal li dak l-injam biex iservi ta' passagg ġdejn il-bajja tal-Ingliżi tlesta. Il-Kunsill qabel li jitqabbad Edwin Ciantar biex imur għal-dan l-injam ic-CMU u jieħu ħsieb iwaħlu.

**9. Pjazza**

Is-Sindku spjega kif huwa personali kiteb lil-Isqof Mario Grech fil-15 ta' Marzu, 2012 u wara ħafna *reminders* l-Isqof irrisponda fl-1 ta' Mejju 2012, fejn qallu fi ftit kliem biex jistenna ftit u jissaporti. Fit-3 ta' Mejju ċempel Dun Eddie lis-Sindku fejn stiednu għal-lagħqa mal-Isqof fil-5 ta' Mejju. Fil-laqgħa kien hemm preżenti, flimkien mas-Sindku, l-Isqof Mario Grech u Dun Eddie. Is-Sindku ta rendikont tal-lagħqat kollha li l-Kunsill kellu ma l-Arċipriet matul dawn l-aħħar 5 snin fuq il-proġett tal-Pjazza fejn sfortunatament qatt ma intlaħaq ftehim minn naħa tal-Parroċċa. L-Isqof assigura lis-Sindku li jixtieq li jsir ftehim u din il-Pjazza issir. Għalhekk, huwa ħejja ittra li ġiet iffirmata minnu u mis-Sindku li juri dan il-ftehim. Is-Sindku qara dan il-ftehim, u wara diskussjoni li saret bejn il-preżenti, kulħadd qabel ma dan il-ftehim minbarra l-klawsola tal-attivitajiet fuq il-pjazza, fejn ġie deċiż li s-Sindku jergħa

jkellem lill-Isqof biex tiġi ċċarata din il-klawsola. Ġie deċiż ukoll biex qabel toħroġ din l-ittra għal publiku, l-Kunsill jibgħata lid-Direttur tal-Gvern Lokali għal parir.

**10. Talbiet mir-residenti**

- Mera fit-Triq Mgarr quddiem Triq Mogħdija – approvata, teħel mad-divizjoni tal-bini
- Mera fit-Triq Hamri kanturnier ma Triq Fuq il-Għajn – nitolbu għal-site inspection minn Transport Malta.
- Double line quddiem ir-residenza 47, Triq il-Garden - issir *site inspection* minn T.M.

**11. Materji Oħra**

Larry Buttigieg

- Possibilta ta' xiri ta' minibus – saret diskussjoni u ġie deċiż li din ma tistax issir għal-diversi raguni.
- Jinxtraw 3 bankijiet, 2 pots u bin għal-skart separat fuq il-bankina fit-Triq J.F. de Chambray - approvati
- Attenda laqgħa ma Josef Scicluna u Loreto Scicluna fejn ġiet diskussa l-idea ta' *sports day* f'Għajnsielem li ssir darba f'sena. Il-Kunsill approva din l-idea u lest li jordna sett medalji jew xi tazzi involuti.
- Haxix ħdejn iċ-Ċimiterju – ser jinqata qabel il-ġurnata ta' Jum l-Omm.
- Triq Cordina miċ-Ċimiterju 'l fuq – issġġerixxa li titqaxxar t-triq biex jitneħħew il-ħofor. Is-Sindku ser jiċċekja jekk jistax isir hekk
- Gandott fit-Triq Guseppi Cauchi - issir bit-tarmac. Is-Sindku qal li dan kien sar.
- Issuġġerixxa li tiġi aġġornata l-website tal-Kunsill u jkun hemm persuna li jkun l-amministratur – il-Kunsill approva dan u qabbad lis-Segretarju Eżekuttiv iġġib stimi.

Peter Caruana

- mera fit-Triq Sant Antnin li tkisret – il-Kunsill qabel li tiġi mibdula
- Ħaxix fit-Triq Ħamri jinqata speċjalment għal-festa ta' Sant' Antnin. Hemm palma fit-Triq Ħamri perikuluża u ħaxix fit-tarag tal-Grand Hotel. Il-Kunsill qabel ma dan.
- Isiru żewġ bankijiet ġodda flok tnejn oħra li kienu tkissru fit-Triq Malta– Il-Kunsill qabel li nordnaw 2 bankijiet oħra minghand Tony Vella
- Tiġi nstallata bozza ġdida fit-Triq ir-Rebħa – insaqsu lil perit Godwin Sultana biex naraw jekk din il-bozza tistax tiġi inkorporata mal-proġett taż-Żewwieqa.
- dawl fiż-zebra cross fit-Triq Chambray – is-Sindku ser jergħha jikkuntatja lill-kuntrattur.

Franco Ciangura

- Servizz tal-arriva f'Għajnsielem – is-Sindku spjega li l-Kunsill bagħat ħafna talbiet iżda qatt ma ġew milqugħa. Is-Segretarju Eżekuttiv reġgħet bagħtet email lil Ruben Said min Transport Malta u Godfrey Attard mill-Arriva biex tiġ riveduta r-rotta ta' Għajnsielem.
- Rampa quddiem is-sorijiet fit-Triq il-Mogħdija. Titneħħa ir-rampa li saret bit-terrapien
- Ħajt fit-Triq Xprunara biex jinbena 7 filati skond il-liġi minħabba l-periklu – rapport lil-MEPA
- Bozza maħruqa fit-Triq Firilla
- Laqgħa mal-għaqdiet - ġie deċiż li d-data tiġi ffisata fil-laqgħa li jmiss
- Suġġeriment li tiġi organizzata ħarġa kulturali għal - Jum il-Missier – il-Kunsill approva li din tiġi organizzata u fil-lagħqa li jmiss jiġi diskuss fid-dettal il-programm.
- Tabella tal-lokalita` – ġie deċiż li ssir *sticker* bil-logo t'Għajnsielem biex teħel fuq it-tabella li hemm preżentament

- *Active aging group* - korsijit tal-computer. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li hija tkelmet mal-Head tal-iskola tal-Arti fejn huwa dispost li jofri l-laboratorju għal-użu ta' dawn il-korsijiet. Is-Segretarju Eżekuttiv qed tieħu ħsieb torganizza l-għalliem biex b'hekk jinħargu l-avviżi għar-residenti.
- Issugerixxa li jsiru sett t'intervisti mal-anzjani li hawn fir-rahal fejn jigu irrekordjati u jingabru l-informazzjoni offruta fejn wara jinhareg ktejjeb. Il-prezenti qablu ma dan fejn kull kunsillier ghandu jahdem fuq il-lista t'anzjani li xieraq jigu intervistati. Wara jigu preparati sett ta' domandi li jigu mistoqsija.

Stephen Mercieca

- Bozza ġdida fit-Triq Benghazi – approvata u tinbghat l-applikazzjoni wara li jissotometti ritratt tal-faccata fejn ser tehel u firma tas-sid tar-residenza
- Bozza ġdida mal-arblu fit-Triq Sant Indrja – approvata u tintbgħat l-applikazzjoni wara li jissotometti ritratt tal-post u site plan.

**12. Tmiem il-Laqgħa**

Wara li kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa, 6 ta' Ġunju fis-5.00 pm, is-Sindku ddikjara l-laqgħa magħluqa fit-8.20pm.

Francis Cauchi
Sindku

Amanda Abela
Segretarju Eżekuttiv